



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0378/2013

13.11.2013

RAPPORT

bl-opinjoni tiegħu dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward il-BEREC u l-Uffiċċju
(2013/2053(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Salvador Sedó i Alabart

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	7
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	10
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	13

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

bl-opinjoni tiegħu dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward il-BEREC u l-Uffiċċju (2013/2053(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2013 dwar ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-uffiċċju tiegħu (SWD(2013)0152),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2010 bl-isem "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar "Aġenda Diġitali ġdida għall-Ewropa: 2015.eu"¹,
 - wara li kkunsidra l-qafas għall-komunikazzjonijiet elettroniċi,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0378/2013),
- A. billi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) inħoloq biex jikkontribwixxi għat-tiswir ta' orjentazzjonijiet tekniċi u politiċi għat-tlestija tas-suq intern, bl-għan doppju li jagħti lir-regolaturi l-akbar indipendenza possibbli u jagħmel l-implimentazzjoni tagħhom tal-qafas regolatorju aktar konsistenti madwar l-UE;
- B. billi r-rapport ta' evalwazzjoni japprezza u jagħraf is-siwi tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, l-aktar fir-rigward tal-proċeduri tal-Artikolu 7/7a u fl-oqsma tan-newtralità netta u tar-roaming internazzjonali;
- C. billi għadda biss perjodu qasir ta' żmien mindu nħolqu l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC;
- D. billi t-tlestija tas-suq intern huwa proċess kontinwu, li huwa moqdi bl-aħjar mod billi titjeb ir-regolamentazzjoni fost is-swieq nazzjonali individwali, u billi l-aktar mod b'saħħtu u sostenibbli sabiex jinkiseb dan (u b'hekk jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet regolatorji huma meqjusa bħala li għandhom il-leġittimità fi ħdan is-swieq nazzjonali) huwa permezz tal-approċċ "minn isfel għal fuq" li attwalment huwa rappreżentat mill-BEREC;

¹ ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 45.

² ĠU L 337, 18.12.2009, p. 337.

- E. billi l-BEREC jista' jkun effettiv biss jekk tkun garantita l-indipendenza tiegħu mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE;
- F. billi xi kunsiderazzjonijiet nazzjonali jistgħu jikkumplikaw id-definizzjoni ta' pozzizzjonijiet komuni, u b'hekk ikun aktar diffiċli li jsir ftehim;
- G. billi l-BEREC għandu rwol fundamentali fit-tisħiħ tal-applikazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju tal-UE fl-Istati Membri kollha, li huwa essenzjali għall-iżvilupp b'suċċess ta' suq intern fin-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;
- H. billi inizjattivi reċenti meħuda fil-livell nazzjonali, partikolarment fir-rigward tal-proċessi tar-rieżami tan-nefqa, jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-indipendenza;
- I. billi l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) mhumiex omoġenji, minħabba li kultant għandhom setgħat ferm differenti fi ħdan il-pajjiżi tagħhom, fejn uħud jieħdu ħsieb biss ir-regolamentazzjoni tas-suq, filwaqt li oħrajn jieħdu ħsieb aspetti oħra bħar-regolamentazzjoni tas-suq, is-sigurtà netta, il-privatezza, ir-reġistru tad-dominji, l-ispettru u s-servizzi tal-utenti;
- J. billi jista' jkun li fil-preżent mhuwiex isir l-aħjar użu mill-Uffiċċju tal-BEREC;
- K. billi wħud mill-aġenziji tal-Unjoni bbażati f'pajjiżi oħrajn għandhom ukoll uffiċċju satellita fi Brussell;
- L. billi ħafna mil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-esperti saru fi Brussell jew ġew organizzati minn ARN, u billi għandu jiġu żviluppat l-użu tal-vidjokonferenzi;
- M. billi l-benefiċċju tal-konsumatur huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tas-suq intern fil-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- N. billi d-deċizzjonijiet meħuda mill-BEREC fil-livell Ewropew għandhom joħolqu valur miżjud Ewropew;
 - 1. Iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni huwa, fil-biċċa l-kbira, rilevanti u bbilanċjat;
 - 2. Iqis li l-iżvilupp sħiħ tal-kooperazzjoni meħtieġa, tal-koordinazzjoni u tal-aspetti informali relatati mal-governanza jieħu ż-żmien;
 - 3. Iqis li għad hemm lok ta' titjib fil-mod kif jaħdem il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC, filwaqt li jirrikonoxxi r-riżorsi limitati disponibbli; jenfasizza, madankollu, li l-użu tal-proċedura l-ġdida skont l-Artikolu 7/7a tad-Direttiva 2009/140/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi kien effikaċi, fatt li jiġġustifika l-istruttura fuq żewġ livelli;
 - 4. Jenfasizza li l-BEREC huwa l-iżgħar aġenzija tal-UE, b'kontribuzzjoni baġitarja tal-UE ta' EUR 3 768 696 biss u 16-il kariga awtorizzata taħt il-baġit tal-UE fl-2013, li tipprovdi primarjament appoġġ amministrattiv għall-istruttura BEREC, li hija komposta minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali;

5. Ifakkar fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits tad-29 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (COM(2007)0699 – C6-0428/2007 – 2007/0249(COD)), li fiha nċaħad l-istabbiliment ta' aġenzija ġdida;
6. Iqis li l-ARN għandhom rwol importanti fis-sistema regolatorja, peress li s-swieq nazzjonali għandhom differenzi immutabbli li għandhom x'jaqsmu mat-topoloġija tan-netwerks, kif ukoll huma differenti minn xulxin fir-rigward tax-xejriet tad-domanda tal-konsumaturi, l-aspetti demografiċi, eċċ.; jenfasizza li biex tiġi żgurata kooperazzjoni strutturata fi ħdan l-UE u, għaldaqstant, suq uniku li jaħdem b'mod tajjeb, huwa essenzjali li jkun hemm regolaturi indipendenti, speċjalizzati skont is-settur u li jkollhom ir-riżorsi xierqa;
7. Iqis li l-BEREC għandu rwol importanti fis-sistema regolatorja bħala l-entità inkarigata biex tallinja d-differenzi fattwali u regolatorji nazzjonali bil-ħsieb li jitlestha s-suq intern fil-komunikazzjonijiet elettroniċi;
8. Jirrakkomanda li r-rwol tal-BEREC, b'mod partikolari fir-relazzjoni tiegħu mal-ARN, ikun definit aħjar, u jissaħħaħ billi jitwessgħu r-responsabbiltajiet tiegħu sabiex tiġi ffaċilitata d-definizzjoni ta' pożizzjonijiet komuni bil-għan li jitjieb l-approċċ tas-suq intern, inkluż billi tiġi evalwata l-effiċjenza tal-kooperazzjoni attwali mal-ARN u l-Kummissjoni skont il-proċeduri tal-Artikolu 7/7a;
9. Iqis li armonizzazzjoni akbar tal-kompiti mwettqa mill-ARN fl-Istati Membri, li tagħtihom kompetenza għall-aspetti rilevanti relatati direttament mas-sigurtà u r-reżistenza fis-suq intern fil-komunikazzjonijiet elettroniċi, tista' tikkontribwixxi għall-funzjonament aħjar tal-BEREC u għal aktar prevedibbiltà għall-atturi tas-suq;
10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-indipendenza tal-ARN fil-livell nazzjonali u Ewropew tissaħħaħ u mhux tiddgħajef, peress li dan huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata l-indipendenza globali tal-BEREC;
11. Iqis li r-rwoli u l-istruttura tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC għandhom jiġu adattati skont il-livell ta' tlestija tas-suq intern fil-komunikazzjonijiet elettroniċi;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi l-indipendenza tal-BEREC mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-proposti futuri relatati mal-ambitu u l-missjoni tal-BEREC;
13. Iqis li l-BEREC għandu jaġixxi fl-interess taċ-ċittadini Ewropej u li għandhom jissaħħu l-mekkaniżmi għar-responsabbiltà quddiem il-Parlament Ewropew, bħala l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament biex tirrappreżenta l-interessi taċ-ċittadini Ewropej;
14. Jirrakkomanda li l-BEREC isaħħaħ ir-responsabilità interna tiegħu billi jiddefinixxi b'mod ċar l-oġettivi tiegħu fil-programm ta' ħidma annwali u jippreżenta l-kisbiet u l-progress tiegħu skont dawn l-oġettivi fir-rapport annwali tiegħu;
15. Iqis ta' importanza kbira li, għall-koerenza u l-konsistenza tal-ħidma tiegħu, il-BEREC jipprijoritizza xogħlu aħjar u jrawwem komunikazzjoni mal-partijiet interessati kollha fl-istadju tal-iżvilupp tal-programm ta' ħidma tiegħu;

16. Iqis li l-BEREC għandu jkollu aktar spazju biex jieħu deċiżjonijiet strateġiċi, li jfisser, fost affarijiet oħra, li l-BEREC għandu jipproduċi analiżi u studji tiegħu stess li jippermettulu jieħu deċiżjonijiet b'hal dawn, b'tali mod li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikun wieħed minn fuq għal isfel u indipendenti;
17. Jenfasizza li r-rwol konsultattiv tal-BEREC dwar il-proposti leġiżlattivi li jolqtu lis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandu jkun sistematizzat;
18. Iqis li l-komunikazzjoni esterna tal-BEREC għandha tiġi ċċarata u mtejba, sabiex thegħegħ l-involviment tal-partijiet interessati fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika;
19. Jirrakkomanda li jkun ifformalizzat ir-rwol tal-Grupp tar-Regolaturi Indipendenti (IRG) fi Brussell, filwaqt li jkun żgurat li ma jagħmilx l-istess kompiti mogħtija lill-Uffiċċju tal-BEREC;
20. Jirrakkomanda użu akbar tat-teleworking, tal-vidjokonferenzi u ta' tekniki oħra ta' xogħol lil hinn mill-post tax-xogħol bl-għajnuna tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, biex jitnaqqsu l-ispejjeż u tonqos il-marka tal-karbonju;
21. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' finanzjament adegwat għall-BEREC u l-ARN;
22. Iqis li l-post fejn jinsab l-Uffiċċju tal-BEREC mhuwiex ostakolu għall-monitoraġġ tal-ħidma ta' kuljum tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, li huwa suġġett ta' interess speċjali għall-BEREC, u li dan ma jfixkilx l-użu effiċjenti tal-Uffiċċju tal-BEREC sakemm isir użu akbar minn strateġiji tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;
23. Iqis li l-missjoni tal-Uffiċċju tal-BEREC għandha tiġi riveduta, imsaħħa u definita b'mod aktar preċiż, b'kunsiderazzjoni partikolari tar-riżultati tal-awditu tal-BEREC f'dan ir-rigward;
24. Jirrakkomanda li jsiru l-bidliet meħtieġa u jiġu kkunsidrati r-riżorsi meħtieġa biex l-Uffiċċju tal-BEREC ikun jista' jappoġġja b'mod aktar effettiv u effiċjenti l-ħidma sostanzjali tal-BEREC, minflok jipprovdi biss appoġġ amministrattiv;
25. Iqis li kwalunkwe diskussjoni dwar il-post fejn għandu jkun l-Uffiċċju tal-BEREC għandha ssir bil-ħsieb li tissaħħaħ l-indipendenza tiegħu mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri u bir-rispett dovut tal-prinċipju ta' distribuzzjoni ġeografika ekwa tal-uffiċċji tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u entitajiet oħra tal-UE;
26. Iqis li hemm bżonn ta' konsolidazzjoni akbar sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jisfruttaw aktar l-ekonomiji ta' skala, u li l-BEREC għandu jkollu rwol prominenti f'dak il-proċess;
27. Iqis li qafas leġiżlattiv ċar u stabbli huwa meħtieġ għal suq intern aħjar li jirriżulta f'kompetizzjoni akbar u servizzi aħjar għall-konsumaturi;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jippreżenta l-fehmiet preliminari tar-Rapporteur dwar l-Evalwazzjoni tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC (SWD(2013)152), bil-għan li jinkoraġġixxi d-dibattitu u d-diskussjoni dwar il-kwistjoni, sabiex jitħejja Rapport bilanċjat.

Kollox ma' kollox, fil-fehma tar-Rapporteur il-BEREC qiegħed ġeneralment jiffunzjona tajjeb. Il-BEREC (u l-predeċessuri tiegħu) jidher li taw lok għal approfondiment gradwali tal-fiduċja reċiproka bejn l-ARN li kkontribwixxa lejn il-kisba effettiva tal-għanijiet tal-BEREC. Dan madankollu m'għandux iwaqqaf milli jkun hemm dibattitu dwar il-possibilità ta' sett ta' objettivi għall-BEREC u ta' struttura tal-BEREC aktar ambizzjużi li jkunu orjentati għas-suq intern. Mill-banda l-oħra l-Uffiċċju tal-BEREC, u r-relazzjoni bejn il-BEREC u l-Uffiċċju, jidher li għandhom il-problemi tagħhom.

Minn banda, l-Evalwazzjoni tapprezza u tagħraf is-siwi tal-BEREC u tal-ħidma tal-Uffiċċju tal-BEREC mindu nħolqu fl-2009, l-aktar fir-rigward tal-proċeduri tal-Artikolu 7/7a u fl-oqsma tan-newtralità netta u tar-roaming internazzjonali.

Mill-banda l-oħra, l-Evalwazzjoni turi wkoll li għad hemm lok għal titjib. Dan jista' jkun minħabba li mindu nħoloq għadda biss perjodu qasir ta' żmien (kien inħoloq bħala riżultat tal-aħħar rieżami tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjonijiet elettroniċi), iżda jidher li hemm lok għall-kunsiderazzjoni ta' xi aspetti aktar strutturali, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rieżami ġenerali li jmiss tal-qafas għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Lok għal titjib

L-indipendenza u l-kunflitt potenzjali tal-interessi nazzjonali kontra dawk Ewropej.

Skont ir-rapport ta' evalwazzjoni, "ir-rwol indipendenti tal-BEREC għadu dubjuż".

L-indipendenza tal-BEREC għandha titqies mill-perspettiva ta' a) l-Istituzzjonijiet tal-UE, b) l-ARN u c) l-Istati Membri (permezz tal-indipendenza nazzjonali tal-ARN).

Jidher li l-indipendenza mill-Istituzzjonijiet tal-UE hija diġà ggarantita. Iżda r-raġuni li tassigura din l-indipendenza tidher li hija l-istess waħda li tpoġġi fid-dubju l-indipendenza mill-ARN (u permezz tagħhom, mill-Istati Membri), jiġifieri l-fatt li l-BEREC huwa kompost mill-ARN infushom. Għalkemm "fl-attivitajiet kollha tiegħu, il-BEREC għandu jfittex l-istess għanijiet bħal dawk tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali", huwa minnu wkoll li l-BEREC għandu jipprovdi approċċ madwar l-UE għall-kwistjonijiet indirizzati: huwa għandu "jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-operat aħjar tas-suq intern għal netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, billi jimmira li jiżgura applikazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjoni elektronika". Dan iqajjem il-kwistjoni tal-possibilità ta' kunflitt bejn ir-rwol tal-ARN fis-swieq nazzjonali u r-rwol tal-BEREC fis-suq intern. L-approċċ minn isfel għal fuq għandu xi vantaġġi, minħabba li jiżgura rabta lura għas-swieq nazzjonali; il-flessibilità tippermetti lill-ARN iqisu ċ-ċirkustanzi nazzjonali. Għall-kuntrarju, fid-definizzjoni ta' pożizzjoni komuni, il-kunsiderazzjonijiet nazzjonali jistgħu jagħmluha

aktar diffiċli li jintlaħaq ftehim, u jdgħajfu l-approċċ purament tas-suq uniku tal-UE. Hemm inizjattivi riċenti meħuda fil-livell nazzjonali, partikolarment fir-rigward tal-proċessi tar-rieżami tan-nefqa, li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' indipendenza.

Ir-responsabbiltà

Għal xiex għandu jkun responsabbli l-BEREC? Il-BEREC suppost jesprimi l-kunsiderazzjonijiet tiegħu relatati ma' suġġetti ewlenin, jiddefinixxi l-prijoritajiet u jagħti pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE rigward l-armonizzazzjoni tas-Suq Uniku. L-Evalwazzjoni tgħid li għandu jkun responsabbli għall-oġġettivi tiegħu stess, u pproponiet li l-BEREC jindika l-impenji għas-sena ta' wara, u jagħti dettall tal-kisbiet fir-Rapport Annwali.

Is-sit

Il-post fejn jinsab l-Uffiċċju BEREC jista' jkun ta' ostakolu biex isegwi l-ħidma ta' kuljum tal-Istituzzjonijiet Ewropej fir-rigward tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li għandha tkun kwistjoni ta' interess speċjali għall-BEREC.

Approċċi

Jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ approċċi ewlenin għall-Abbozz ta' Rapport dwar l-Opinjoni dwar l-Evalwazzjoni tal-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC.

Approċċ statiku

Jekk nemmnu li l-istruttura attwali tal-BEREC hija definita sewwa u li rnexxiet, u li ma jinħtieġu l-ebda bidliet kbar, imbagħad inkunu nistgħu nindirizzaw biss l-oqsma li nemmnu li jistgħu jittejbu b'mod inkriminali; mingħajr ma tiġi mmodifikata l-istruttura eżistenti. Prinċipalment it-titjib ikun li jissolvew l-ineffiċjenzi, bħal li jiġi ċċarat l-użu tal-Uffiċċju tal-BEREC, ir-rwoli relatati mal-komunikazzjoni esterna u interna u r-rwol tal-BEREC fir-rigward ta' xi oqsma.

Approċċ evoluzzjonarju

Dan jittieħed f'każ li nemmnu li l-istruttura attwali tal-BEREC irnaxxiet, iżda li tista' tiġi ddefinita aħjar. L-opinjoni tista' mbagħad tipproponi xi modifiki jew tibdiliet mingħajr ma tintmess il-bażi ewlenija. Soluzzjoni possibbli tista' tkun li jingħata aktar spazju lill-Korp ta' Regolaturi biex jieħu deċiżjonijiet strateġiċi, li l-proċess tad-deċiżjonijiet isir aktar minn fuq għal isfel, u li tissaħħaħ il-preżenza diġà stabbilita tal-BEREC fi Brussell.

Fiż-żewġ approċċi, hemm il-kwistjoni tal-Uffiċċju tal-BEREC, inklużi r-rwol, l-effiċjenza u l-post fejn jinsab. L-Evalwazzjoni tirrimarka li r-rwol tal-Uffiċċju għadu mhux deċiż: jew jeżisti biex jipprovdi appoġġ purament amministrattiv, jew jassumi rwol aktar prominenti fit-tfassil u t-twettiq tal-ħidma tal-BEREC. Din il-kwistjoni hija kemm strutturali – ir-rwol tal-Uffiċċju fir-Regolament BEREC – u Prattika, fis-sens li tidher marbuta mill-qrib ma' kemm l-Uffiċċju huwa attraenti meta jiġi biex jirrekluta u jżomm persunal kwalifikat ħafna, li mbagħad jista' jiġi affettwat mill-post fejn jinsab l-uffiċċju. Fir-rigward tal-effiċjenza, l-Uffiċċju jrid jikkonforma mal-istess proċeduri kkumplikati bħal fil-każ ta' aġenziji ferm ikbar.

Il-pjan ta' stabbiliment jipprovdi għal 28 kariga fl-Uffiċċju, li minnhom 24 kienu mtlew sal-31 ta' Diċembru 2012.

Skont l-Evalwazzjoni, 11-il kariga huma esklussivament okkupati biex jagħtu appoġġ amministrattiv għall-Uffiċċju nnifsu, u hemm biss bejn sebġha u tnax-il kariga disponibbli għall-appoġġ lill-BEREC u lill-ħdax il-grupp ta' ħidma ta' esperti tiegħu. Ta' min jinnota wkoll li filwaqt li l-Uffiċċju kien lest li jipprovdi faċilitajiet għal-laqgħat f'Riga fl-2012, il-laqgħat kollha tal-gruppi ta' ħidma tal-esperti jew saru fi Brussell jew ġew organizzati minn xi ARN. Matul is-sena, is-7 sa 12-il persunal tal-Uffiċċju li jappoġġjaw il-Gruppi ta' Ħidma tal-esperti pparteċipaw f'103 Laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-esperti, li jinvolvu vjaġġar regolari lejn Brussell.

Ta' min jinnota li l-ARN qed ikompli jikkooperaw ukoll fil-Grupp tar-Regolaturi Indipendenti (IRG). L-IRG, organizzat skont il-liġi Belġjana, għandha segretarjat fi Brussell li jikkonsisti f'persunal ta' tnejn min-nies (li mhumiex marbuta mir-regolamenti u l-proċeduri tal-Unjoni li jrid jikkonforma magħhom l-Uffiċċju tal-BEREC). Is-segretarjat tal-IRG jipprovdi preżenza għall-BEREC fi Brussell.

18.10.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Opinjoni dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward il-BEREC u l-Uffiċċju (2013/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) huwa l-aktar aġenzija żgħira tal-UE, b'kontribuzzjoni baġitarja tal-UE ta' EUR 3 768 696 biss u 16-il postijiet awtorizzati taħt il-baġit tal-UE fl-2013, li jipprovdu appoġġ amministrattiv għall-istruttura BEREC, li hija komposta minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali;
2. Itenni li l-għażla tas-sede tal-aġenzija tal-UE hija ta' spiss magħmula mill-Kunsill fuq il-bażi tal-interessi ta' ċerti Stati Membri, pjutost milli fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u finanzjarji u aspetti prattiċi ta' kapaċità ta' funzjonament;
3. Ifakkar li l-arranġamenti tas-sede periferiċi għandhom riperkussjonijiet, bħad-diffikultà tal-aċċess għall-post, faċilitajiet edukattivi li huma rarament adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess insuffiċjenti għas-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjugi tal-membri tal-persunal, kif ukoll l-ispejjeż għoljin tal-missjonijiet, u b'hekk jinħolqu diffikultajiet biex jinstab persunal kwalifikat;
4. Ifakkar, barra minn hekk, li l-aġenziji żgħar li jinsabu fi bliet fejn ma hemmx istituzzjonijiet jew korpi tal-UE jaffaċċjaw problemi addizzjonali fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja soda peress li ma jkollhomx sħab ma' minn jaqsmu r-riżorsi amministrattivi jew jidħlu f'forom oħra ta' kooperazzjoni, u b'hekk dan qed jirriżulta f'inkapaċità li jkun hemm sinerġiji;
5. Ifakkar fl-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits tad-29 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Awtorità tas-Suq

Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (COM(2007)0699 – C6-0428/2007 – 2007/0249(COD)) li fiha nċaħad l-istabbiliment ta' aġenzija ġdida;

6. Jissuġġerixxi l-użu ta' proċess ta' valutazzjoni sabiex jitqiesu mill-ġdid kemm l-għażla tas-sede kif ukoll id-deċiżjoni li tiġi stabbilita aġenzija li jkollha primarjament il-funzjoni ta' segretarjat għall-BEREC; Iqis vallapena, għalhekk, li tiġi diskussa l-possibbiltà li jew jiġi stabbilit segretarjat għall-BEREC fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija, biex b'hekk tiġi evitata l-ispiża marbuta mal-istruttura ta' aġenzija indipendenti u jkun hemm iffrankar tal-ispejjeż għall-baġit tal-Unjoni jew li l-BEREC jiġi trasformat f'korp b'kompetenzi komprensivi ġenwini, indipendenti mill-istituzzjonijiet Ewropew u l-Istati Membri.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Brzobohatá, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Lucas Hartong, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Andrej Plenković, Alda Sousa, Oleg Valjalo
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Da Graça Carvalho, Paul Rübig, Georgios Stavrakakis

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Jacky Hélin, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Vladimir Urutchev
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jerzy Buzek, Ioan Enciu, Andrzej Grzyb, Roger Helmer, Seán Kelly, Bernd Lange, Zofija Mazej Kukovič, Franck Proust, Algirdas Saudargas
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Chrysogelos